# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.3

## Kapitlu 6 - Salvana!

## Lezzjoni 6.3: Ħobb bħali

### L-Għanijiet:



**It-tfal:**

1. Jagħrfu kemm ħabbhom Ġesù meta bata għalina
2. Jitgħallmu l-istorja tal-Passjoni f'sekwenza
3. Japprezzaw il-kultura Maltija u l-attivitajiet li ġġib magħha l-Ġimgħa Mqaddsa bħal wirijiet u purċissjonijiet.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

1. Preżentazzjoni għall-IWB **6.3 - Ħobb bħali.**
2. **Karta ta' Taħriġ 6.2.**



## Naqsmu flimkien

*Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu*



1. Ibda billi tiftaħ  il-preżentazzjoni għall l-IWB, u turi lit-tfal l-ewwel page fejn hemm l-istampa bi tliet slaleb.

2. Staqsi lit-tfal x'inhuma jaraw u x'jafu.  Ħeġġeġ lit-tfal biex jaqsmu dak li jafu dwar il-mewt ta' Ġesù biex jekk ikun hemm xi tagħrif mhux preċiż, inti, bħala għalliema, tkun tista' tindirizzah waqt il-lezzjoni.

3. Ikteb xi punti milli qalulek it-tfal madwar is-slaleb biex b'hekk toħloq bħal theme-web.  Issemplifika l-punti kemm jista' jkun. Eż Jekk xi ħadd jgħid li sallbu lil Ġesù bl-imsiemer, ikteb salib jew/u msiemer.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Ibda rrakkonta l-istorja tal-passjoni ta' Ġesù, billi timxi page page fuq l-IWB. Kull page għandha żewġ stampi mrikkbin fuq xulxin u għalhekk meta ċċaqlaq l-istampa tal-page tikxef oħra li qiegħda taħtha.  L-istampa tal-wiċċ hija bħal ħjiel biex tħeġġeġ lit-tfal jgħidulhek dak li jafu dwar l-istorja. Dawn il-ħjiel insibuhom wkoll bħala simboli fil-purċissjonijiet u l-wirjiet. L-istampa tal-qiegħ hija silta mill-istorja tal-passjoni ta' Ġesù.

- Staqsi lit-tfal liema parti tal-istorja jaħsbu li ser jaraw permezz tal-ħjiel. Imbagħad neħħi l-istampa tal-wiċċ biex tikxef l-istampa li tirrappreżenta s-silta. L-istampa li neħħejt tista' ċċekkinha u tpoġġiha f'xi rokna tal-bord.

- Staqsi lit-tfal fejn qiegħed il-ħjiel (l-istampa li ċekkint) fl-istorja.



## Nisimgħu flimkien (Ikompli)

Dawn huma s-siltiet mill-istorja tal-passjoni kif inhuma ppreżentati page page fuq il-preżentazzjoni.

- Page 2 – Stampa tal wiċċ - Il-ħmar ta' Ġerusalemm li ġarr lil Ġesù. Stampa tal-qiegħ – Id-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm f'Ħadd il-Palm.
- Page 3 – Stampa tal-wiċċ – It-tletin biċċa tal-fidda ta' Ġuda. Stampa tal-qiegħ – Ġuda, li kien ħabib ta' Ġesù, kixef fejn kien ser ikun Ġesù għall-flus.
- Page 4 – Stampa tal-wiċċ - Il-qsim tal-ħobż. Stampa tal-qiegħ – Ġesù għamel ikla tal-aħħar mal-ħbieb tiegħu.
- Page 5 – Stampa tal-wiċċ - It-talb. Stampa tal-qiegħ – Ġesù mar jitlob fil-Ġetsemani fejn ġie Ġuda mas-suldati biex jarrestawh.
- Page 6 – Stampa tal-wiċċ - Is-serduk. Stampa tal-qiegħ – San Pietru mar wara Ġesù biex jara x'ser jagħmlulu imma meta staqsewh jekk jafx lil Ġesù beża' u qalilhom le.
- Page 7 – Stampa tal-wiċċ -Kuruna tax-xewk. Stampa tal-qiegħ – Lil Ġesù libbsulu kuruna tax-xewk biex jidħku bih.
- Page 8 – Stampa tal-wiċċ - Ilma. Stampa tal-qiegħ – Pilatu ħasel idejh għax ma kienx jaf x'l-aħjar li jagħmel.
- Page 9 – Stampa tal-wiċċ - Is-salib. Stampa tal-qiegħ – Lil Ġesù tawh salib tqil biex iġorru fuq spallejh.
- Page 10 – Stampa tal-wiċċ - L-imsiemer. Stampa tal-qiegħ – Sammru lil Ġesù mas-salib minn idejh u saqajh.
- Page 11 – Stampa tal-wiċċ - Il-liżar. Stampa tal-qiegħ - Meta miet, lil Ġesù naddfuh mid-demm u kebbewh ġo liżar nadif.
- Page 12 – Stampa tal-wiċċ - Il-ġebla. Stampa tal-qiegħ – Is-suldati għalqu l-qabar b'ġebla kbira.
- Page13 – Stampa tal-wiċċ - Il-qabar vojt. Stampa tal-qiegħ – Ġesù qam mill-mewt.
- Agħlaq il-lezzjoni billi t-tfal ipinġu l-Karta ta' Taħriġ 6.2. Bħala għalliem spjega x'qed jaraw u t-tfal ipinġu l-istampa.

**(Naħseb tkun idea xierqa li l-istorja ma tingħadx f'darba iżda tinqasam fi tnejn jew tliet partijiet, inkella t-tfal jkunu qed jieħdu wisq informazzjoni f'daqqa.)**

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)

a) Bħala Nsara, f'dawn iż-żminijiet, aħna għandna niftakru fi tbatija ta' Ġesù.
b) Fil-knisja jsiru t-tifkiriet ta'
  - meta Ġesù daħal Ġerusalemm;
  - meta Ġesù għamel l-aħħar ikla;
  - meta Ġesù bata u miet;
  - meta Ġesù qam mil-mewt.
c) Meta nitolbu aħna nkunu qed niftakru f'Ġesù.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Tajjeb li naħseb kif ħa ngħix aħjar, billi nieħdu l-eżempju t-tajjeb ta' dawk ta' madwarna u ma nikkupjawx l-eżempju ta' min jiżbalja.

## Nitolbu

Għid lit-tfal li Ġesù miet fuq is-salib biex ipatti talli aħna għamilna dak li hu ħażin. Ġesù ried jieħu l-kastig talli aħna qgħadna bil-għaqal.

Mela ngħidu 'sorry' lil Ġesù tal-ħażin li għamilna u nippruvaw ma nerġgħux. Kull tifel u tifla jgħidu din it-talba ċkejkna u jżidu dak li jħossu li għamlu ħażin.



*Aħfirli Ġesù għax jiena …* *(it-tfal isemmu xi ħaġa ħażina li għamlu).*